MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Numru 1046/2003

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo
Spettur Yvette Farrugia)

vs

Steve Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identità numru 162975M, akkuzat talli:

1. nhar it-30 ta' Dicembru 2001 ghal habta tal-11:30p.m. waqt li kien f'Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioè' li jikkommetti serq ta' diversi oggetti aggravat bil-hin, mezz kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltin, kif ukoll bil-vjolenza ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija PZG Ltd, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta

bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma kienitx tiskorri il-hamsin Lira Maltin, imam kienet izjed minn ghaxar Liri Maltin, saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija PZG Ltd.

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati ta' reati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lura l-atti tal-kawza lil din il-Qorti sabiex fin-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-imputat tiddeciedi dwar il-htija jew altrimenti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-imputat fis-seduta tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

L-akkuzi riportati huma dawk ta' attentat ta' serq u hsara volontarja. Din l-ahhar akkuza tirrizulta bhala mezz ghal fini.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat qeghdha ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat il-fedina penali tieghu li izda li fiha precedenti ta' serq u iehor ta' pussess ta' droga tosserva illi dawn ir-reati jirrisalu ghal perjodu pjutost il-boghod; kwindi mhux konsiljabbli, fil-fehma taghha, li l-imputat jigi ikkundannat il-prigunerija.

Invece, wara li rat l-Artikolu 261(a)(b)(c)(f), 262(b), 264, 267, 270, 278, 279, 280(2) u 17 tal-Kap 9 u filwaqt li ssibu hati qeghdha tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tqeghdu taht Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza partikolarment li ghandu jobdi kull direttiva tal-Ufficjal tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------